MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru. 86/2003

Il-Pulizija
(Sp Louise Vella
Sp Simon Galea)
vs
Oivend Xuereb, iben Jesmond,
imwieled Pieta' fl-10 ta'
diċembru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fin-Naxxar u fi bnbadi oħra,
fid-29 ta' ottubru, 2002 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu , ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. ikkorrompa lill-persuna taħt l-eta' u cioe' lil Rachel Laus, minorenni ta' sbatax-il sena;

2. ikkometta attentat vjolenti għall-pudur, fuq l-istess minuri Rachel Laus;
3. offenda l-pudir jew il-morali, b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku;
talli f'dawn il-Gżejjer,fin-Naxxar u fi bnadi oħra, fit-30 ta' ottubru, 2002 u fix-xhur ta' qabel:
4. ħebb kontra l-minuri Rachel Laus sabiex jiġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara;
5. ħebb għall-istess Rachel Laus u ħeddidha;
6. waqt li kien ġewwa l-għassa tan-Naxxar, irrifjuta li jagħti, jew ta falz,
il-'particulars' tiegħu lill-PS 977 Joseph Zammit bħala persuna nkarigata minn servizz pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija torbot lill-imputat, b'obbligazzjoni li jidhrilha xieraq biex ma jkellimx jew jimmolesta lil Rachel Laus jew il-familjari tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat li meta ġraw il-fatti l-imputat kien minorenni. Rat l-artikoli 203(1), 207, 209, 338(g) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tobbliga lill-imputat, taħt penali ta' mitt lira maltin, li ma jkellimx jew jimmolesta lil Rachel Laus jew il-familjari tagħha, għal perjodu ta' sena mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------